MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Numru. 322/2002

Il-Pulizija
(Spettur Paul Camilleri)
vs
Joseph Bone u Romeo Bone

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra z-zewg imputati fuq imsemmija Joseph Bone, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 352939(M) u Romeo Bone, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 195376(M), li permezz tieghu huma gew akkuzati talli fis-17 ta' April 2002 ghall-habta ta' xi 1.30p.m. il-Lascaris Wharf, Floriana :
a) volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hgamlu hsara fil-vettura Nru TGG 001 tal-marka Peugeot ghad-dannu ta' Anthony Galdes Giappone minn tas-Sliema, liema hsara hija ta' aktar minn LM500 (hames mitt lira Maltin) ghad-dannu ta' l-istess Anthony Galdes Giappone

u dan bi ksur tal-artikolu 325(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) qalu fil-pubbliku kliem indicenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) bi kliem insulentaw jew heddew lil Anthony Azzopardi u dan bi ksur tal-Artikolu 339(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U aktar talli b'hekk Joseph Bone u Romeo Bone saru recidivi b'sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Settembru 2000 u fil-25 ta' Frar, 2000;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet liz-zewg imputati fuq imsemmija iwiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi l-Prosekuzzjoni ipprezentat zewg rikorsi f'dan il-kaz, wiehed datat 7 ta' Mejju, 2002 u l-iehor 15 ta' Mejju, 2002. Il-Qorti semghet ix-xhieda dwar dawn iz-zewg rikorsi u fuq talba tad-difiza u fl-interess suprem tas-sejbien tal-verita il-Qorti iddecidiet illi l-provi kollha li instemghu f'dawn iz-zewgt rikorsi jkunu jiffurmaw parti integrali wkoll ta' dawn il-proceduri, anke fir-rigward tal-meritu tal-kaz.

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fis-17 ta' April tas-sena 2002 kien mar l-ghassa Anthony Galdes Giappone u kien ghamel rapport lill-pulizija fis-sens illi ftit tal-hin qabel ghall-habta ta' xi nofs il-lejl neqsin kwart il-vettura tieghu numru ta' registrazzjoni PGG 001 tal-ghamla Peugeot

kienet ipparkjata f'Lascaris Ditch Floriana u meta Is-Sur Galdes Giappone u mar ghall-karozza tieghu ghall-habta ta' xi siegha u nofs ta' wara nofsinhar induna li xi hadd kien ghamillu l-hsara fuq is-saqaf tal-vettura tieghu, kif ukoll fuq il-windscreen. Is-Sur Galdes Giappone kien qal lill-pulizija illi l-car park attendant kien qallu illi kien ra tnejn minn nies u ra wiehed minnhom jitfa cangun minn fuq il-bridge ghal fuq il-karozza tas-Sur Galdes Giappone. Is-suspett kien waqa fuq Joseph u Romeo Bone mill-Furjana, li eventwalment gew arrestati mill-pulizija. L-Ispettur Camilleri kompla jixhed fis-sens illi kien kellem lil Anthony Azzopardi, il-car park attendant, li kien qallu li hu kien f'posizzjoni illi jekk jara lil dawn il-persuni jaghrafhom. Is-Sur Azzopardi kien qal ukoll lill-pulizija li dawn in-nies kienu heddewh, fis-sens illi qalulu li jekk jitkellem joqtluh. Is-Sur Galdes  Giappone ta stima lill-pulizija tal-hsarat li sofra fil-karozza, liema hsarat kienu jammontaw ghas-somma ta' elf u erbgha u hamsin lira u sittin centezmu, apparti tlieta u ghoxrin lira ghax-xoghol, li kien sar fuq il-karozza tieghu.

Illi meta l-pulizija kellmu lis-Sinjuri Giappone iz-zewg imputati fuq imsemmija irrilaxxjaw stqarrija fejn it-tnejn li huma innegaw l-allegazzjonijiet kollha li kienu saru fil-konfront taghhom. Kienet saret ukoll identification parade fil-kwartieri generali tal-pulizija, fejn Anthony Azzopardi fl-ewwel I D parade ma kienx gharaf lis-suspettat u f'din l-ewwel I D parade kien hemm ukoll Romeo Bone. Pero' fit-tieni I D parade li saret dakinhar stess, is-Sur Azzopardi kien gharaf u iddentifika lil Romeo Bone bhala l-persuna li kienet tefghet il-gebla fuq il-karozza. Parade ohra li saret f'dik l-istess gurnata fejn fost is-suspettati kien hemm Joseph Bone, Anthony Azzopardi kien gharaf, fiz-zewg ID parades li kienu saru, lil Romeo Bone.

Ikkunsidrat :

Illi Romeo Bone fl-istqarrija tieghu kien ghazel illi ma iwiegeb ghal ebda domanda illi saritlu mill-pulizija. Pero' fl-ahhar nett Romeo Bone kien qal lill-pulizija, "Irrid nghid illi minn dak kollu li ghidtli ma naf xejn."

Illi Joseph Bone irrilaxxja stqarrija lill-pulizija, fejn kien ghazel illi iwiegeb ghad-domandi li sarulu u qal illi dakinhar in kwistjoni fil-hin ta' meta sar l-allegat incident ghall-habta tas-siegha u nofs ta' wara nofinhar kien fi triqtu ghal Armier u fin-nofs siegha huwa kien diga tas-Sliema ma certa Cettina Falzon u Nicolette Falzon, li joqghodu 63 Alfons Street, Sliema. Mieghu kien hemm ukoll it-tifla tat-tifel tieghu li jisimha Kessy. Joseph Bone qal mal-pulizija illi kien jaf lil Anthony Galdes Giappone, kienu hbieb, pero' issa ma ghadhomx ghaliex dan ir-ragel hadlu l-mara tieghu, jew inkella l-mara tieghu marret mieghu u dan gara sitt snin ilu. Joseph Bone stqarr mal-pulizija li jaf li Galdes Giappone kellu vettura tal-ghamla Peugeot, pero' la jaf in-numru tar-registrazzjoni taghha u lanqas il-kulur taghha. Gieli rah biha u meta iltaqa mieghu dejjem qasam in-naha l-ohra u ma kelmux peress illi huma miggieldin. Joseph Bone cahad kategorikament illi huwa flimkien mat-tifel tieghu Romeo fid-17 ta' April tas-sena 2002 ghall-habta ta' xi siegha u nofs ta' wara nofsinhar kien ikun il-Yellow garage li hemm Lascaris Wharf il-Furjana. Cahad ukoll illi dakinhar flimkien mat-tifel tieghu tefghu kantun fuq il-vettura ta' Galdes Giappone, li kienet ipparkjata taht il-bridge li hemm hdejn il-Yellow Garage. Joseph Bone cahad kategorikament, minkejja l-fatt illi l-pulizija qallu li kellu xhieda ta' dan illi huwa ghamel dawn l-affarijiet fuq il-vettura ta' Galdes Giappone u cahad ukoll illi lil dawn il-persuni li rawh jaghmel hekk allegatament Joseph Bone kien heddu li jekk jitkellem huma kienu lesti li joqtluh, kelmuh hazin u kelmuh b'mox oxxen. Joseph Bone wiegeb hekk, "Mhux vera, mela jien mignun Sir".

Ikkunsidrat :

Illi fl-ewwel I D parade illi saret Anthony Azzopardi ma gharafx lil Romeo Bone, izda gharaf minflok lil PC 246 Cesare. Izda fit-tieni I D parade huwa gharaf lil Romeo Bone. Illi fiz-zewg I D parades illi saru wara Anthony Azzopardi gharaf lil Joseph Bone bhala il-pesuna li wettqet l-allegati reati.

Illi xehed Anthony Azzopardi, il-car park attendant, illi allegatament gharaf liz-zewg imputati fuq imsemmija bhala l-persuni li wettqu r-reat in kwistjoni. Huwa qal illi jahdem bhala parker taht il-Yellow Garage il-Pitch il-Belt u fis-17 ta' April tas-sena 2002 kien xoghol, ra tnejn minn nies gharafhom mal-ewwel u rahom jitfghu kantun fuq il-vettura ta' Galdes Giappone. Azzopardi xehed illi qallu, "Gharaftek" lil Romeo Bone u skond ix-xhud Romeo Bone qallu, "Ara titkellem ghaliex noqtlok". Umbaghad gie sid il-vettura u qallu, "Sewwa qed tghidli naf min huma ezatt". Galdes Giappone kien qallu li kellu kwistjoni precedenti ma dawn il-persuni, jigifieri mal-imputati. Ix-xhud qal ukoll illi kien mar id-depot u kienet saret identification parade u hu kien gharaf liz-zewg imputati prezenti f'din l-awla u xehed illi huwa cert illi gharafhom mal-ewwel u din qalha tlett darbiet, a fol. 78 tal-process. Ix-xhud kompla jghid illi huwa kien xtara post Marsaxlokk u xi granet wara l-incident gie Romeo Bone ma ragel iehor u qallu, "Jekk titkellem noqtlok". Ix-xhud qal illi jahseb li dan l-incident kien gara ghall-habta tas-siegha nieqes kwart ta' wara nofsinhar. Huwa qallu, "Lilek ma nafekx, dabbar rasek u hallini bi kwieti ghax ingib lill-pulizija". Ix-xhud kompla jghid illi rega gie jheddu ghal darba ohra Romeo Bone. Romeo Bone dakinhar kellu lil xi hadd mieghu li ried jaghtih mitejn lira flus biex ma jitkellimx, pero' skond ix-xhud huwa ma jiehux flus u xogholu jaghmlu sew. Ix-xhud qal illi meta gie ikellmu t-tieni darba Romeo Bone kien qallu, "Ara x'sa navzak ghax inpattihielek". U hu lilu qallu, "Lilek ma nafekx". Ix-xhud in kontro-ezami qal li meta gew dawk iz-zewg irgiel u tefghu kantun fuq il-vettura ta' Galdes Giappone il-hin kien ghall-habta tas-siegha u nofs ta' wara nofsinhar u huwa qabadhom fil-fatt. L-ewwel haga li attiratlu l-attenzjoni kien illi rahom b'ghajnejh. Ix-xhud qal illi kien Romeo Bone illi tefa' l-kantun u meta tefa l-kantun kien taht il-pitch. Is-Sur Galdes Giappone kien ilu jipparkja l-vettura tieghu hemm hekk ghal erba' snin u huwa klijent tieghu stabbilit. Huwa xehed illi lill-klijenti tieghu jiehu hsiebhom, hemm isfel ma jafda lil hadd u meta Romeo Bone xehet il-kantun kien hdejn sigra li hemm hdejn it-tarag. Il-karozza kienet hdejn is-sigra u biex Romeo Bone tefa l-kantun kellu jitla fuq is-sigra. Sussegwentement ix-xhud biddel il-verzjoni tieghu u qal illi

Romeo Bone ma kienx fuq is-sigra, imma kien hdejn is-sigra meta tefgha l-kantun bis-sahha ghal fuq il-karozza ta' Galdes Giappone. Ix-xhud qal illi huwa jaf lil Raymond Magri mill-Belt u qal illi dan kien il-persuna li kien akkompanja lil Romeo Bone fiz-zewg okkazzjonijiet illi Romeo Bone kien mar jheddu. Ix-xhud cahad li ghandu jaghti xi flus lil Raymond Magri. Pero' x-xhud qal illi Raymond Magri jghid illi hu ghandu jaghtih il-flus u dan m'huwiex minnu. Ix-xhud qal illi jaf lil Raymond Magri fuq il-loghob ghaliex huwa gieli kien jilghab, imma umbaghad ma baqax jilghab. Ix-xhud kompla jghid, dejjem in kontro-ezami, illi t-tieni darba kien gie ikellmu l-imputat Romeo Bone, gie ma Raymond Magri u ma certu Pierre Vella, offrewlu mitt lira u hu irrifjutahom. Is-Sur Azzopardi kompla jixhed illi Pierre Vella kien bil-qeghda fis-seat ta' quddiem tal-passigieri u l-imputat Romeo Bone kien bil-qeghda fuq is-seat ta' wara. Il-persuna li kienet fuq is-seat ta' wara kienet liebsa ingravata. Huwa xehed illi lil Raymond qallu biex ma jindahalx bejniethom. Xehed ukoll illi Romeo Bone huwa mill-Furjana u jaf li missieru Joseph Bone huwa mechanic, li huwa wkoll mill-Furjana. Huwa xehed illi kien ilu jaf lill-imputati, peress illi z-ziju tieghu, illum mejjet, kien jghix vicin taghhom u hu jafhom minn hemmhekk.

Illi xehed Pierre Vella u qal illi ghall-habta tas-sajf tas-sena 2002 kien ma Raymond Magri bil-karozza tieghu tal-ghamla Pajero fil-car park int u diehel il-Belt fejn il-Yellow garage. Hu xehed illi kien mar ma Raymond Magri sabiex ihallsu kont tad-dawl u illi kien ra lil Raymond jiltaqa ma ragel illi hu qatt ma kien rah qabel u Raymond kien qallu, “Ara dan taz-zejt ghandu jaghtini l-flus, dan imbruljani mitt lira, u ilu gej hafna biex ihallasni u qatt ma hallasni”. Ix-xhud kompla jghid li Raymond kien daqsxejn aggressiv ma dan ir-ragel u qallu, “Ilek tghaddini biz-zmien, meta ser thallasni?” Xehed illi l-persuna li kien qieghed jindirizza Raymond kien il-bniedem illi ghadu kif hareg mill-Qorti, jigifieri Anthony Azzopardi. Ix-xhud kompla jghid illi Raymond dam ftit minuti ikellem lil Azzopardi u hu kien bil-qeghda fuq is-seat tal-passigier tal-vettura. F'hin minnhom dan Azzopardi dar fuqu u qallu, “Hemmhekk serrah rasek, m'inhiex ser nitla nixhed kontrik”. U hu

qallu, “Isma inti x’qieghed tghid”? U Azzopardi qallu, “U mhux jien irrappurtajtek lill-pulizija”, u qallu, “Ghaliex jiena ma ghandix telecell, il-parker l-iehor tal-kappell irrappurtak u mhux jien”. U x-xhud qallu, “Imma jien ma nafx x’qieghed tghid inti”. Ix-xhud kompla jghid li umbaghad telqu minn fuq il-post. Huwa assolutament ma kienx jaf ghal x’hiex kien qieghed jirreferi Azzopardi.

Xi jumejn wara, x-xhud kompla jghid, gie fuqu Romeo Bone jixtri xi xoghol minghandu u hu kien qallu x’kien gara ma Azzopardi u dana peress illi meta kien staqsa lil Raymond dwar dan l-incident, Raymond kien qallu illi Azzopardi kellu xi clash ma Romeo Bone u hu kien haseb li dawn kienu affarijiet tal-imgienen li Azzopardi jitfixkel lilu ma Romeo Bone. Ix-xhud kompla jghid illi meta qal lil Romeo Bone b’dak illi kien gara, Raymond Bone kien staqsih jekk hu setghax jigi mieghu ghand l-Avukat u jirrakkuntalu x’kien gara. Ix-xhud accetta u mar ikellem lil Dr Giglio dwar dan l-incident. Dr Giglio kien staqsih jekk setghax jerga imur fuq il-post fejn kien gara l-incident u dana dejjem wara li Dr Giglio jottjeni l-kunsens ta’ l-Ispettur Camilleri. Fil-fatt sussegwentement regghu marru fuq il-post huwa u Raymond Magri u wara kien hemm Dr Roberto Montalto. Fil-vettura x-xhud kien fis-seat tal-passigier u kien qieghed isuq Raymond u Dr Montalto kien wara u skond ix-xhud Azzopardi rega’ qallu l-istess affarijiet, qallu, “Mur serrah rasek, jiena m’inhiex ser nixhed, jiena anke lil missierek naf, dak il-ginger habib tieghi u naf li hu ragel kwiet tal-affari tieghu, mur u serrah rasek”, u qallu wkoll illi skond hu lil missieru, jigifieri missier ix-xhud, kien jafu bhala li isewwi l-karozzi. Ix-xhud qal ukoll illi meta staqsa lil Azzopardi fuq x’hiex huwa kien qieghed jitkellem, Azzopardi lanqas biss wiegbu, imma baqa jirrepeti kontinwament l-istess kliem.

Illi l-Ispettur Paul Camilleri ikkonferma illi effettivament Dr Giglio kien infurmah illi kien ser jibghat lil xi hadd il-Yellow Garage u l-Ispettur Camilleri kien infurmah illi setgha jaghmel hekk basta li fil-karozza ma jkun hemm hadd miz-zewg imputati fuq imsemmija.

Illi xehed Dr Roberto Montalto u ikkonferma dak illi xehed bil-gurament tieghu Pierre Vella f'dawn il-proceduri. Huwa xehed illi dakinhar fil-vettura kien hemm Raymond Magri li kien qieghed isuq il-vettura tal-ghamla Pajero jeep. Pierre kien qieghed fis-seat tal-passigier u hu, jigifieri Dr Montalto, kien qieghed wara. Marru l-car park tal-Yellow garage u l-parker is-Sur Azzopardi, li Dr Montalto qatt ma kien rah qabel, kien qieghed hemmhekk fil-car park. Raymond waqaf hdejh bil-karozza u qallu, "Hemm hekk x'ser naghmlu, dawk il-flus meta ser taghtihomli?" Is-Sur Azzopardi fil-prezenza ta' Dr Montalto qallu, "Tinwietax issa inhallsek". Fil-pront minghajr hadd ma kien tkellem iktar il-parker indirizza lil Pierre li kien bil-qeghda fis-seat tal-passigier quddiem u qallu, "Anke inti serrah rasek, hemmhekk kollox sew" u beda jindika b'subghajh jipponta lejn Pierre. Il-hin kollu li kien qieghed jitkellem il-parker beda jiggestikola, jiccaqlaq, iddawwar rasu 'l hemm u 'l hawn u jipponta u jaghmel il-mossi b'idejh. Mhux l-ewwel darba li jkun qieghed jitkellem u iddawwar wiccu kompletament in-naha l-ohra. Meta sema hekk Pierre dar lejh u qallu, "Inti taf x'qieghed tghid?" U l-parker qallu, "Iva serrah rasek, kollox sew hemm hekk, dik tal-gebla all right". Raymond u Pierre fil-prezenza ta' Dr Montalto komplew jistaqsu lis-Sur Azzopardi jekk kienx jaf x'kien qieghed jghid. Umbaghad is-Sur Azzopardi dar lejn Pierre u qallu, "Issa ghamilli pjacir u tidholx 'il gewwa aktar ghaliex hemm dak ta' ommok". Dak il-hin Raymond saq 'il gewwa u wera lil Dr Montalto il-karozza ta' Galdes Giappone ipparkjata. Umbaghad daru u telqu 'il barra. Dr Montalto kompla jixhed illi wara dan l-incident is-Sur Azzopardi kien ghamel rapport iehor lill-pulizija fis-sens illi l-imputat Raymond Bone kien avvicinah.

Illi xehed PS 1444 Kenneth Briniano illi qal illi Tony Azzopardi il-parker kien qallu li kien ra lil Romeo Bone, flimkien ma persuna ohra li ma kienx jaf min kien u qallu li kien gharaf lil Romeo Bone u Romeo Bone kien qallu, "Jekk titkellem ninzel u insibek." PS 1444 xehed illi kien hu li kien issuggerixxa l-isem Romeo lil Azzopardi, peress illi Azzopardi kien qallu biss Bone z-zghir mill-Furjana. Ix-xhud kompla jghid illi huwa kellem lill-kwerelant u meta staqsih kienx jissuspetta f'xi hadd, jew jekk kienx ghadu

kif kellu xi argument ma xi hadd, Galdes Giappone kien wiegbu li kellu xi argumenti ma Joseph Bone u ma Romeo Bone u li kien qieghed jissuspetta fihom u ma qallux li kien xi hadd li kien indikalu lil ta' Bone, fis-sens illi xi hadd kien rahom jaghmlu dak illi allegatament kienu ghamlu.

Illi xehed Anthony Galdes Giappone u qal illi kien sab il-vettura tieghu iddanneggjata. Kien kellem lill-parker li kien qallu li kien ra lil xi hadd ismar. Dak il-hin ma tahx l-isem ta' Romeo Bone. Kien aktar tard li l-parker qallu lil Galdes Giappone li kien Romeo Bone. Dan kollu jirrizulta a fol. 98 tal-process. Kienet ghaddiet gimgha qabel ma l-parker qallu li dak ir-ragel l-ismar li kien heddu kien Romeo Bone. Galdes Giappone kompla jixhed illi l-parker kien sabu gimgha wara u qallu illi l-pulizija kienu urewh xi ritratti u kien gharaf lil Romeo Bone. U wkoll gimgha wara kien qallu li l-iehor li kien ma Romeo Bone kien Joseph Bone u skond il-parker huwa wasal ghall-isem ta' Joseph Bone wara li l-pulizija kienu urewh xi ritratti. Is-Sur Galedes Giappone xehed illi meta l-parker qallu illi dak li tefa l-gebla kien samrani u dak li kien mieghu kellu xahru bajda hu ikkonkluda li dawn kienu Romeo Bone u Joseph Bone u hu qal dawn il-kliem lil parker (fol. 99 tal-process). Pero' meta hu qal lil parker illi dawn kienu is-Sinjuri Bone il-parker lilu ma qallux li lill-imputati kien jafhom mill-Furjana u lanqas ma kien qallu illi Joseph Bone jahdem ta' mechanic il-Furjana, ma tah l-ebda hjiel li kien jafhom. Mistoqsi ghalfejn kien issuspetta fiz-zewg imputati fuq imsemmija, Galdes Giappone wiegeb illi huwa issuspetta fihom minhabba d-deskrizzjoni li tah il-parker, kif ukoll minhabba il-fatt illi diga kellu problemi maz-zewg imputati xi zmien qabel. Ix-xhud ikkonferma illi jumejn wara dan l-incident kienu tefghulu z-zebgha mal-faccata tad-dar tieghu u kien ghamel rapport mal-pulizija fejn ukoll indika li kien qieghed jissuspetta fis-Sinjuri Bone, pero' sussegwentement kien skopra illi z-zewg imputati, fil-hin illi intefghetlu z-zebgha mal-faccata, kienu qeghdin arrestati mill-pulizija u ghalhekk zgur li ma setghux kienu huma li ghamlu hekk. Pero' qal illi setghu qabdu lil xi hadd biex jaghmlulu hekk.

Illi l-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi meta s-Sur Azzopardi ghamel rapport lill-pulizija huwa qal illi ra “two youths” illi ghamlu l-hsara fuq il-vettura ta’ Galdes Giappone, mentri meta huwa xehed qal illi ra guvni samrani li kien akkumpanjat minn ragel b’xaharu bajda.

Illi irrizulta wkoll mill-atti illi din il-Qorti kif presjeduta cahdet ir-rikorsi li saru mill-Kummissarju tal-Pulizija ghar-revoka tal-helsien mill-arrest ta’ Romeo Bone u dana peress illi s-Sur Azzopardi l-parker kien allega li kien iddentifika lil Romeo Bone bhala l-bniedem illi mar sabiex jipprova joffrilu xi flus biex huwa ma jixhedx f’dawn il-proceduri u gie ippruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-persuna illi kien mar ikellem lil parker dakinhar ma kienx l-imputat Romeo Bone, izda kien Pierre Vella illi l-parker kien hawdu ma’ Romeo Bone.

Illi kif diga intqal irrizulta illi Raymond Magri, Pierre Vella u Roberto Montalto kienu regghu marru fejn il-car park u s-Sur Azzopardi il-car park attendant, fil-prezenza ta’ Dr Roberto Montalto u ta’ Raymond Magri, rega’ thawwad lil Pierre Vella ma l-imputat Romeo Bone u ghaldaqstant il-Qorti kienet cahdet ir-rikorsi ghall-revoka tal-helsien mill-arrest ta’ l-imputat Romeo Bone.

Illi irrizulta wkoll mill-atti illi fl-ewwel I D parade is-Sur Azzopardi ma gharafx lil Romeo Bone, imma gharaf lill-pulizija bhala l-persuna illi allegatament ghamlet ir-reat in kwistjoni. Irrizulta wkoll, kif diga intqal, illi meta ghamel ir-rapport tieghu lill-pulizija huwa qal illi l-persuni involuti kienu “two youths” u sussegwentement qal illi kien “one youth” sumrani akkumpanjat minn ragel ta’ xaharu bajda. Irrizulta wkoll illi s-Sur Azzopardi kontinwament thawwad lill-imputat Romeo Bone ma certu Pierre Vella.

Ikkunsidrat illi l-kaz kollu tal-Prosekuzzjoni huwa ibbazat fuq identifikazzjoni illi saret mill-parker is-Sur Azzopardi, liema identifikazzjoni ma tista qatt twassal lil din il-Qorti ghall-konvinciment morali illi kien l-imputat Romeo Bone akkumpanjat minn Joseph Bone illi wettqu r-reati illi bihom jinsabu akkuzati.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija u peress illi l-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova l-akkuzi kollha fil-konfront taz-zewg imputati fuq imsemmija il-Qorti tiddikjara liz-zewg imputati fuq imsemmija mhux hatja ta’ dawn l-imputazzjonijiet kollha u konsegwentement qeghda tilliberahom minn kull imputazzjoni htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------